MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Numru 46/2013

**Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Clint Mercieca**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat ta’ Clint Mercieca ta’ 23 sena, iben Silvana Mercieca, mwieled il-Pieta’ fit-13 ta’ Gunju 1989, residenti gewwa Binja tas-Salvatur, Ent B, Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 286389(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Jannar 2013, minn gewwa il-fond bl-isem ta’ Sphinx Pastizzeria, li jinsab gewwa Triq Marina, Kalkara, ikkommetta serq ta’ 500 Euro ghad-detriment ta’ Tarcisio Saliba u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin

2. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Jannar 2013, gewwa Kalkara ittanta jikkommetti serq ta' kartiera minn fuq il-persuna ta' Dione Farrugia, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu liema attentat huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dione Farrugia skond kif iccertifika Dr. J. Chircop mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla

4. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Jannar 2013, gewwa Bormla, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe' is-Surgent tal-Pulizija 440 Kenneth Vella il-kuntistabbli 385 Emanuel Dalli, u il-kuntistabbli 215 Clint Zahra, jew ma hallihx jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Jannar 2013 (esebit a fol.21 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz

tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-15 ta’ Jannar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat il-fatt ukoll li ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 41(1)(a), 262, 221, 338(ee) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett(3) snin millum skond il-kondizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li d-Direttur tal-Probation Services u Parole jigi notifikat b’kopja ta’ din is-sentenza sabiex jinhatar il-kandidat idoneju ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------